MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 298/2011

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta’ Mejju 1987 u minn dan iz-zwieg huma kellhom t-tfal illum ilkoll magorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt ta separazzjoni in atti nutar Dottor Anthony Grech Trapani tal-10 ta’ Ottubru 2002 (Ara Dok A anness);
3. Illi il-partijiet ilhom hekk il-fuq minn erba snin legalment separati u iktar minn hekk separati de facto;
4. Illi m’hemm ebda prospett regonevoli ghal rikoncilazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat l-intimat hu obbligat li jhallas lil mara manteniment ghal mara u tfal; dan il-manteniment dejjem thallas u illum qieghed jithallas l-manteniment tal-mara biss stante li it-tfal huma maggorenni; illi l-esponent qatt ma kien inadempjenti f'dan l-obbligu;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponent fit-23 ta' Novembru 2011 giet notifikata bir-rikors promotur fejn ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iz-zwieg ta' bejniethom jinhall;
2. Illi l-esponenti tissottometti li m'huwiex minnu li t-tfal huma t-tnejn maggorenni peress li binhom ghad ghandu sittax-il sena;
3. Illi madanakollu r-rikorrenti xorta wahda dejjem hallas il-manteniment skond l-att ta' separazzjoni tal-10 ta' Ottubru, 2002;
4. Illi ghalkemm l-esponenti fil-principju ma taqbilx li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul, hija qieghda tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta din l-Onorabbli Qorti bl-intendiment illi dak kollu miftiehem fl-att ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-10 ta' Ottubru 2002 jibqa fis-sehh;
5. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru, 2011;

Rat ir-risposta ta' l-intimata;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dottor Anthony Grech Trapani tal-10 ta’ Ottubru, 2002;

Rat illi irrizulta mix-xiehda illi taw il-partijiet illi r-rikorrenti A B obbliga ruhu fil-kuntratt ta’ separazzjoni illi jibqa dejjem imantni lil martu u lill-uliedu, anke meta dawn ikunu maggorenni;

Wara li semghet ix-xiehda tal-partijiet, il-Qorti kienet sodisfatta illi r-rikorrenti qatt ma kien inadempjenti fil-hlas ta’ manteniment u obbliga ruhu illi dejjem jibqa ihallas dan il-manteniment;

Rat ukoll illi irrizulta mill-provi illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat illi l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju gew sodisfatti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------